Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,982, 27 ta' Diċembru, 2022
Taqsima B

A.L. 368 tal-2022

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".

L.S. 549.40.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 ta-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "ħin raġonevolment viċin" tagħha għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ħin raġonevolment viċin" tfisser il-perjodu taż-żmien bejn ir-rimi ta' ħwejjeġ mormija minn persuna għall-ġbir u l-ħin indikat għall-ġbir tiegħu kif deskritt fl-Iskeda 3, liema perjodu ta' żmien ma għandux jeċċedi l-iskadenza ta' erba' (4) sigħat fl-istess jum tal-ġbir, sakemm ma jkunx stabbilit mod ieħor bis-saħħa ta' avviż tal-Gvern ippubblikat fil-Gazzetta mill-Awtorità wara li tiġi nfurmata b'tali ħtieġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali;";

(b) fit-tifsira "ħwejjeġ mormija" tagħha, il-kliem "mill-aġent jew kuntrattur appruvat tal-Kunsill Lokali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-aġent jew kuntrattur approvat tal-Kunsill Reġjonali"; u

(ċ) minnufih wara t-tifsira "Kunsill Lokali" tagħha

Verżjoni Elettronika

għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kunsill Reġjonali" tfisser kunsill reġjonali mwaqqaf bl-artikolu 37A tal-Att dwar Gvern Lokali;"; Kap. 363.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subregolament (3) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Ħadd ma jista' jiddepożita jew iħalli xi tip ta' ħwejjeġ mormija għall-ġbir sakemm ma jsirx skont l-Iskeda 3.".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "minn Kunsill Lokali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "minn Kunsill Reġjonali jew minn Kunsill Lokali rispettiv".

Jissostitwixxi l-Iskeda 3 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

5. L-Iskeda 3 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'din l-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA 3
(Regolamenti 2 u 5(3))

Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u ta' din l-Iskeda, it-tifsir li ġej għandu japplika:

"Skart Riċiklabbli/Borża Griża/Ħadra" tfisser karta, plastik u skart tal-metall imħallta, intiż għall-ġbir mill-aġent jew kuntrattur tal-Kunsill Reġjonali rispettiv, fil-ġurnata indikata;

"Skart Imħallat" tfisser skart imħallat, intiż għall-ġbir mill-aġent jew kuntrattur tal-Kunsill Reġjonali rispettiv, fil-ġurnata indikata. Mill-1 ta' Lulju 2024, kull skart imħallat imqiegħed għall-ġbir għandu jkun ġo boroż suwed trasparenti;

"Skart Organiku/Borża Bajda" tfisser skart organiku u, jew biodegradabbli li fih skart ta' ikel u tal-kċina, weraq u fjuri, intiż għall-ġbir mill-aġent jew kuntrattur tal-Kunsill Reġjonali rispettiv, fil-ġurnata indikat.

Verżjoni Elettronika

	it-Tnejn	**it-Tlieta**	**l-Erbgħa**	**il-Ħamis**	**il-Ġimgħa**	**is-Sibt**	**il-Ħadd**
	Skart Organiku	Skart Imħallat	Skart Organiku	Skart Riċiklabbli	Skart Organiku Ħġieġ kull l-ewwel u t-tielet nhar ta' Ġimgħa tax-xahar	Skart Imħallat	Ebda ġbir

Il-ħin applikabbli għall-ġbir tal-imsemmi skart għal kull Kunsill Lokali għandu jiġi pprovdut lill-Awtorità mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u għandu jiġi ppubblikat mill-Awtorità permezz ta' avviż tal-Gvern fil-Gazetta.".